MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1200/2009

**Vincent Vella (ID 563358M)**

***kontra***

**Margaret Falzon (ID 586962M)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-<u>7 ta` Dicembru 2009</u> li fl-assjem tieghu jaqra hekk :-

***<u>Dikjarazzjoni</u>***

*L-attur **<u>Vincent Vella</u>** (I.D. 563358M) jikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li jafhom personalment :*

*1. Illi fis-sena 2001 l-attur u l-konvenuta bdew relazzjoni flimkien u kienu bdew jikkoabitaw fir-residenza tal-attur fil-Mellieha.*

*2. Illi sussegwentement il-partijiet iddeciedew li jixtru post f`ishma ndaqs bejniethom u permezz ta` kuntratt datat 10 ta` Jannar 2003 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela huma akkwistaw il-fond 35, Block B, Binja Buqana fi Triq it-Torri tal-Arlogg, Mtarfa (Dok V1 anness).*

*3. Illi fi Frar/Marzu 2003, il-partijiet marru jghixu fil-fond fuq imsemmi.*

*4. Illi biex jimmobbilja l-fond l-attur xtara bi flusu l-effetti mobbli elenkati bin-numri 1 sa 29 fid-Dok V2 hawn anness u inoltre gab mid-dar tieghu tal-Mellieha l-effetti mobbli l-ohra elenkati bhala "Personal Items" fl-istess Dok V2 u xi effetti mobbli ohra.*

*5. Illi f`Gunju 2006 il-partijiet itterminaw ir-relazzjoni ta` bejniethom u ghalkemm l-attur ried li l-fond ta` l-Imtarfa jinbiegh lil terzi, il-konvenuta bdiet tinsisti li tixtri hi sehem l-attur mill-fond. Il-konvenut fl-ahhar accetta u biegh in-nofs ta` sehemu mill-fond lill-konvenuta permezz ta` kuntratt tat-2 ta` Awwissu 2006 fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi (Dok V3).*

*6. Illi dakinhar li sar il-kuntratt il-konvenuta qabdet u hadet ic-cwievet tal-fond minghand l-attur. L-attur beda jinsisti maghha li ried jiehu l-effetti mobbli li kienu propjeta` tieghu izda l-konvenuta ghaddietlu biss ftit mill-effetti mobbli li hu kien gab mid-dar tieghu tal-Mellieha. Rigward l-effetti mobbli <u>kollha</u> elenkati fid-Dok V2, dawn baqghu fil-pussess tal-konvenuta li rrifjutat li tikkonsenjahom lill-attur jew li thallsu l-valur reali u xieraq taghhom.*

*7. Illi inoltre l-esponent kien ukoll silifha s-somma ta` elfejn u sbatax euro u sebgha u sebghin centezmu (€2,017.77) dak iz-zmien tmien mija sitta u sittin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 866.23) sabiex jghinha fit-tiswija tal-karozza li kellha, il-vettura Golf bin-numru ta` registrazzjoni GAC 613, liema somma baqghet ma gietx rifusa lilu.*

***<u>Raguni tat-Talba</u>***

*Peress illi fis-sena 2001 l-attur u l-konvenuta bdew relazzjoni flimkien u kienu bdew jikkoabitaw fir-residenza tal-attur fil-Mellieha.*

*Peress illi susssegwentement il-partijiet iddeciedew li jixtru post f`ishma ndaqs bejniethom u permezz ta` kuntratt datat 10 ta` Jannar 2003 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela huma akkwistaw il-fond 35, Block B, Binja Buqana fi Triq it-Torri tal-Arlogg, Mtarfa (Dok V1 anness).*

*Peress illi biex jimmobbilja l-fond l-attur xtara bi flusu l-effetti mobbli elenkati bin-numri 1 sa 29 fid-Dok V2 hawn anness u inoltre gab mid-dar tieghu tal-Mellieha l-effetti mobbli l-ohra elenkati bhala "Personal Items" fl-istess Dok V2 u xi effetti mobbli ohra.*

*Peress illi f`Gunju 2006 il-partijiet itterminaw ir-relazzjoni ta` bejniethom u ghalkemm l-attur ried li l-fond ta` l-Imtarfa jinbiegh lil terzi, il-konvenuta bdiet tinsisti li tixtri hi sehem l-attur mill-fond. Il-konvenut fl-ahhar accetta u biegh in-nofs ta` sehemu mill-fond lill-konvenuta permezz ta` kuntratt tat-2 ta` Awwissu 2006 fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi (Dok V3).*

*Peress illi sussegwenti ghal dan il-bejgh il-konvenuta rrifjutat li thalli lill-attur jiehu lura l-effetti mobbli kollha msemmija fil-lista Dok V2 u anke rrifjutat li thallsu l-valur reali u xieraq taghhom.*

*Peress illi inoltre l-attur kien ukoll silifha s-somma ta` elfejn u sbatax euro u sebgha u sebghin centezmu (€2,017.77) dak iz-zmien tmien mija sitta u sittin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 866.23) sabiex jghinha fit-tiswija tal-karozza li kellha, Golf bin-numru ta` registrazzjoni GAC 613, liema somma baqghet ma gietx rifusa lilu.*

***<u>Talbiet</u>***

*Illi tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tikkundannaha sabiex fi zmien qasir u perentorju tirritorna l-oggetti u effetti mobbli elenkati fid-dok V2 fil-kuindizzjoni tajba li dawn kienmu meta hui ttrasferielha sehemu mill-fond fuq imsemmi fejn dawn l-oggetti u effetti mobbli kienu.*

*2. Fin-nuqqas, tikkundannaha thallas lill-attur dik is-somma, occorrendo bl-opera ta` periti nominando, li tirrapprezenta l-valur gust u xieraq ta` l-istess oggetti u effetti mobbli.*

*3. Tikkundannaha thallas lura lill-attur is-somma ta` elfejn u sbatax euro u sebgha u sebghin centezmu (€2017.77) tapprezentanti l-flus li silifha sabiex il-konvenuta setghet issewwi l-karozza taghha tal-marka Golf bin-numru ta` registrazzjoni GAC 613.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta` April 2007 u bl-imghax legali contra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur, u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-8 ta` Jannar 2010 li taqra :–

*1. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur stante illi l-eccipjenti mhix debitrici tal-attur u m`ghandha taghti assolutament xejn lill-istess attur.*

*2. Illi in realta` huwa l-attur illi huwa debitur tal-eccipjenti u ghamel arrikkiment indebitu ghad-dannu tal-istess eccipjenti, u mhix vice versa, u dan kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*3. Illi l-fond 35, Block B, Binja Buqana, Triq l-Arlogg, Mtarfa kien inxtara mill-poter ta` terzi u l-hlas sar, fil-maggor parti minn flus mahruga mill-eccipjenti nnifisha derivanti mill-bejgh ta` appartament proprjeta` taghha li hija kienet ghadha kemm bieghet lil terzi u in parti (f`somma minuri) permezz ta` bank loan mehud mill-eccipjenti u l-attur solidalment bejniethom, u l-oggetti mobbli mixtrija u/jew migjuba mill-attur ghall-abbelliment ta` dan il-fond kellhom jaghmlu tajjeb ghas-somma akbar mahruga mill-eccipjenti versu x-xiri tal-fond in kwistjoni u ghaldaqstant l-attur m`ghandu ebda jedd li issa jitlob li jiehu dawn l-oggetti jew il-hlas tal-valur reali taghhom.*

*4. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghall-fuq espost, oltre ghall-fatt illi l-eccipjenti mhix debitrici tal-attur u m`ghandha taghtih assolutament xejn, l-attur lanqas ma jista` jitlob il-hlas ghall-bosta oggetti minnu stess elenkati li, effettivament, jikkostitwixxu fixed fittings and furnishings u*

*jifformaw parti ntegrali mill-istess post illi minnu huwa biegh u aljena lill-eccipjenti s-sehem ta` nofs indiviz lilu appartenenti.*

*5. Illi wkoll l-eccipjenti rrendiet bosta servigi lill-attur mhux biss fil-fond tal-Imtarfa fil-perjodu meta huma kienu f`relazzjoni flimkien izda wkoll fil-villa f`Santa Marija Estate u fil-camp site fl-Ahrax tal-Mellieha, proprjeta` tal-istess attur, u l-eccipjenti qieghda tirriserva d-drittijiet taghha kollha f`dan ir-rigward.*

*6. Illi wkoll fiz-zmien meta l-eccipjenti u l-attur kienu f`relazzjoni flimkien, huma kellhom ftehim illi l-eccipjenti tixtri l-oggetti tal-ikel, xorb u oggetti ohra essenzjali ghall-hajja (groceries) waqt illi l-attur ihallas il-kontijiet tas-servizzi li kienu jservu l-fond in kwistjoni fejn huma kienu jghixu flimkien, inkluz tad-dawl u l-ilma, izda wara r-rottura tar-relazzjoni taghhom l-eccipjenti ntebhet illi l-attur ma kienx zamm ma` dan il-ftehim u kien halla kont kbir tad-dawl u ilma pendenti, liema kont kellha thallsu l-eccipjenti nnifisha, u l-eccipjenti qieghda tirriserva d-drittijiet taghha kollha f`dan ir-rigward.*

*7. Illi l-fatti u l-lanjanzi rilevati fil-paragrafi (5) u (6) ta` din l-umli Risposta Guramentata ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti fil-gudizzju taghha anke b`applikazzjoni tal-principji tal-ekwita` u l-gustizzja.*

*8. Illi, in rigward tat-tielet talba, permezz ta` liema l-attur qed jitlob ir-radd lura ta` somma flus li hu qed jghid li ssoministra lill-eccipjenti b`titolu ta`* <u>*self*</u>*, oltre ghall-fatt illi tali somma minnu reklamata mhijiex lilu dovuta mill-eccipjenti, jigi rilevat li permezz tal-ittra ufficjali tas-17 ta` April 2007 l-attur ma kienx interpella lill-eccipjenti troddlu lura s-somma minnu lilha mislufa, kif qed jitlob f`din il-kawza, izda li thallsu l-imsemmija somma rapprezentanti hlas li huwa kien ghamel a beneficcju taghha, liema talbiet huma differenti u distinti*

*minn xulxin u ghalhekk lanqas l-attur stess ma jaf x`qieghed jew ghandu jitlob u ghal din ir-raguni wkoll din it-talba ghandha tigi michuda.*

*9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jigu dedotti bil-permezz ta` din l-Onorabbli Qorti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta.

Semghet ix-xiehda ta` Kevin Curmi, Charles Pace u Alfred Abela fis-seduta tat-13 ta` JanNar 2011.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur flimkien mad-dokumenti li kienu annessi.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-attur fit-8 ta` Frar 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Carmen Ward u ta` Rita Abela fis-seduta tal-10 ta` Marzu 2011.

Rat in-nota li pprezentat il-konvenuta fit-3 ta` Mejju 2011.

Semghet il-kontroezami tal-attur fis-seduta tal-4 ta` Ottubru 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Mario Xuereb, Joseph Bugeja, Godfrey Pisani, Patricia Ellul, Joseph Buhagiar u Gregory Spiteri fis-seduta tad-29 ta` Novembru 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Manuel Piscopo fl-udjenza tal-25 ta` April 2012.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Pace fl-udjenza tat-12 ta` Gunju 2012.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-konvenuta, ta` Domitilla sive` Stella Falzon u Mary Debono ; rat ukoll id-dokumenti li kienu annessi mal-affidavit tal-konvenuta.

Semghet ix-xiehda ta` Romuald Attard fl-udjenzi tat-22 ta` Ottubru 2012, tas-17 ta` Jannar 2013 u tat-23 ta` Jannar 2014, u rat id-dokumenti li xhud ipprezenta fit-tliet udjenzi.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Rita Abela fis-seduta tas-17 ta` Jannar 2013.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-attur fis-seduta tas-16 ta` Mejju 2013.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-konvenuta fis-seduti tat-30 ta` Settembru 2013, tas-7 ta` Novembru 2013 u tas-17 ta` Marzu 2014.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Domitilla sive` Stella Falzon fis-seduta tat-23 ta` Jannar 2014.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu bil-fomm id-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-5 ta` Frar 2015.

Rat id-digriet li tat f`din l-udjenza tal-ahhar fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. **Sintesi tal-provi**

**L-attur** xehed li l-konvenuta kienet habiba tieghu. Sar jafha fl-1986. Kien ighix l-Istati Uniti sal-1991. Meta kien jigi Malta ghal btala kien joqghod fid-dar ta` Sam Falzon, fejn kienet tghix il-konvenuta wkoll ghaliex dak iz-zmien kellha relazzjoni mieghu. Fl-1996 il-konvenuta u Sam Falzon temmew ir-relazzjoni taghhom. Fl-2001, huwa beda relazzjoni mal-konvenuta.

Xehed illi dak iz-zmien l-konvenuta kienet tghix fi flat li kellha l-Ghadira. Hu kien joqghod go villa go Santa Maria Estate. Meta bdew ir-relazzjoni taghhom, il-konvenuta marret tghix mieghu u baqghu jghixu Santa Maria Estate sakemm xtraw post l-Imtarfa f`Jannar 2003. Dan il-post inxtara ghaliex l-konvenuta kienet dejjem tinsisti u tilmenta li la l-villa kienet tieghu, allura hi ma kellha xejn hemm ; ghalhekk riedet tghix f`post li jkun taghha jew taghhom. Ghalhekk ftehmu illi tbiegh il-post taghha ta` l-Ghadira biex bil-prezz tal-bejgh isir d-*down payment* fuq il-post li kienu se jixtru l-Mtarfa u ghall-bqija jiehdu self mill-Bank. Ftehmu li s-self jithallas kollu mill-attur ghalkemm is-self hareg fuq it-tnejn. Huwa hallas is-self kollu hu. Hallas ukoll l-assikurazzjoni tad-dar u l-polza fuq il-hajja li kienu kondizzjonijiet biex jinghataw self mill-bank.

Stqarr illi l-konvenuta bieghet il-post taghha ghal Lm 32,000. Wara li nqatghu l-ispejjez, baqghet f`idejha s-somma ta` Lm 27,500. Il-fond tal-Mtarfa, sewa Lm 37,000 u l-ghamara Lm 10,000. Issellfu mill-bank is-somma ta` Lm 25,000. Il-konvenuta harget Lm 22,000 mir-rikavat tal-bejgh tal-post taghha. Ghalhekk hu hallas wahdu s-self ta` Lm 25,000. Hallas ukoll il-boll, l-ispejjez tan-nutar, u l-commissions. Ippreciza li s-self kien ta` Lm 30,000 ghaliex Lm 5000 kienu ntuzaw biex jirrangaw il-post.

Qal li huma dahlu fil-post tal-Mtarfa fi Frar jew Marzu 2003. Qabel ma dahlu jghixu go dan il-post, huwa rranga l-post u hallas hu. Ix-xogholijiet kienu jikkonsistu f`ticrit ta` hitan, kisi u tibjid, stallazzjoni ta` hadid f`xi aperturi u tibdil tat-twieqi tal-aluminium, xoghol ta` elettriku u plumbing, xoghol ta` suffetti, borduri mas-saqaf tal-kmamar kollha, alterazzjonijiet fil-washroom u fil-

kamra tal-banju, sistema tad-dawl u ilma fil-garage u xi xogholijiet fil-gallarija. Hallas kollox hu.

Fisser illi l-oggetti ndikati fid-Dok V2 huma kollha oggetti li hallas ghalihom hu. Dawk li huma "personal items" huma oggetti li kellu fil-villa tieghu l-Mellieha u li ha mieghu l-Mtarfa. Matul ir-relazzjoni li kellu mal-konvenuta bejn l-2001 u l-2006, il-konvenuta qatt ma setghet tohrog il-flus li tallega li harget ghaliex dak iz-zmien kienet tirregistra ghax-xoghol u kienet tircievi Lm 33 biss fil-gimgha bhala beneficcju tal-qaghad. Il-konvenuta ghamlet zmien tghinu fit-tmexxija tal-Armier Lido Beach. Fl-ewwel erba` snin tar-relazzjoni, il-konvenuta ma kienet tikkontribwixxi xejn, lanqas ghall-hajja ta` kuljum. Anke ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma, kien jiddepozita l-flus fil-kont taghha u imbaghad hi kienet thallas il-kontijiet. Ir-relazzjoni bdiet sejra lura ghal nofs l-2005 u hu beda jorqod il-campsite fl-Ahrax tal-Mellieha. Jista` jkun illi bejn nofs l-2005 u nofs l-2006, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma thallsu mill-konvenuta. Anke il-kontijiet tat-telephone, sakemm kien jghix maghha l-Mtarfa, dawn kien ihallashom hu, pero` meta ma baqax jghix mal-konvenuta, huwa probabbli lli dawk il-kontijiet hallsithom hi.

L-attur cahad illi kien hemm xi ftehim bejniethom fis-sens illi l-affarijiet tal-hajja tixtrihom hi. Fil-fatt il-konvenuta qatt ma xtrat minn dawn l-affarijiet. Meta r-relazzjoni ta` bejniethom bdiet sejra hazing, il-konvenuta riedet li jcedilha sehemu mill-post. Billi ma kienx lest jaghmel hekk, ippropona li jew tixtri sehmu mill-post jew ibieghu l-post u jaqsmu r-rikavat. Ippropona li jbieghu il-post ghal Lm 40,000. Il-konvenuta pero` ma kenitx accettat. In segwitu waslu ghal ftehim fis-sens li hu jbiegh lilha s-sehem tieghu ghal Lm 35,000. Fil-fatt sar il-kuntratt Dok V3. Ippreciza li meta semma l-figura ta` Lm 40,000, kien qed jirreferi ghal sehmu mill-post ghaliex li kieku bieghu l-post skond is-suq, wara li gab stima minn agent, kienu jbieghu l-post ghal Lm 120,000. Hu dejjem irritjena li l-ghamara kienu tieghu u dwar dan ma kienu tkellmu xejn.

Xehed illi wara li nxtara l-post, dejjem kien puntwali fil-pagamenti ta` Lm 200 fix-xahar lill-bank ghas-self. Fil-fatt parti mill-ammont li thallas minn bejgh

ta` sehmu mill-post intuza sabiex jithallas s-self kollu. Effettivament f`idejh baqghu inqas minn Lm 10,000.

Fisser illi ghal habta ta` Gunju 2006 qabel biegh is-sehem tieghu lill-konvenuta, din bdiet relazzjoni ma` ragel iehor li beda jghix maghha fil-post. Billi fix-xhur tas-sajf huwa jkun imhabbat bix-xoghol tieghu l-Armier Lido, kien biss wara xi zmien li cempel lill-konvenuta biex jiehu l-affarijiet tieghu mill-post. Cempel ukoll lill-konvenuta sabiex taghtih lura flus li kien hareg ghaliha wara li kellha incident bil-karozza. Kellha kawza dwar l-incident illi rebhet u hadet Lm 836.37. Dak minkejja ma tatux lura l-flus li hareg hu ghaliha sabiex tissewwa l-hsara li garrbet il-karozza taghha fl-incident.

Qal ukoll illi meta talab l-ghamara tieghu minghand il-konvenuta, din qaltlu li billi kienu fil-post, kienu saru taghha, sija l-ghamara u sija wkoll affarijiet ohra li kien ha mieghu mill-villa tal-Mellieha.

Fil-**kontroezami**, l-attur ikkonferma li l-konvenuta bdiet tikkoabita mieghu fil-villa tal-Mellieha wara li kienet bieghet l-appartament taghha mhux qabel. Damu jghixu flimkien fil-villa ghal madwar sena. Ikkonferma li l-konvenuta ma kenitx hallset taxxi fuq l-bejgh tal-appartament taghha ghaliex kienet r-residenza taghha. Qal ukoll li ma kienx hemm spejjez tan-nutara. Fl-istess waqt ikkonferma li l-figura ta` Lm 27,000 hija tajba ghaliex xorta intefqu l-flus. Mistoqsi x`kienet il-commission ta` 5% li jghid li huwa hallas meta sar il-kuntratt ta` l-post tal-Mtarfa, l-attur fisser li probabilment dawk ma kienux commission izda interessi. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-flus li l-konvenuta dahhlet mill-bejgh tal-appartament nefqithom kollha ghal post l-iehor, l-attur ikkonferma li hekk kien il-kaz u li kienu jammontaw ghal Lm 27,000.

L-attur kien mistoqsi jekk wara li bieghet l-appartament taghha l-konvenuta kenitx ghaddietlu s-somma ta` Lm 32,000. It-twegiba tieghu kienet

fis-sens illi l-konvenuta ghaddietlu cheque ta` Lm 27,500. Mistoqsi x`kienu l-ispejjez u commissions li xehed li thallsu, l-attur sostna li ma jafx ghaliex ma kellux il-kuntratt li bih bieghet il-konvenuta. Ighid illi l-pagamenti lura tas-self ta` Lm 25,000 kienu ta` Lm 160 fix-xahar ghas-self ; waqt li dawk tas-self ta` Lm 5000 kienu ta` Lm 37 fix-xahar. Sal-2006 kien hallas madwar Lm 8,600. Jirrespingi li l-konvenuta kienet thallas ghal ispejjez tal-ikel u servizzi. Dejjem hu hallas ghal kollox ; hi xtrat biss affarijiet zghar bhal halib. Hu hallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Ma kienx ihallas dawn il-kontijiet meta ma kienx joqghod fid-dar tal-Mtarfa wara li ragel iehor dahal joqghod maghha. Kull meta l-konvenuta hadmet ghalih huwa hallasha dejjem. Ghal stagun shih tas-sajf kien hallasha Lm 4,000. Ikkonferma li l-appartament tal-konvenuta fl-Ghadira kien komplut bl-ghamara. Minn dawn hadet ftit fil-post tal-Mtarfa. Jinsisti li ghall-post tal-Mtarfa il-konvenuta riedet kollox gdid ; ghalhekk jista` jkun li halliet l-ghamara kollha taghha fil-flat tal-Ghadira. Dwar is-somma ta` Lm 22,000, l-attur fisser illi l-bank hareg Lm 25,000 u Lm 5,000 ; il-konvenuta harget Lm 22,000 ; b`kollox : Lm 47,000 ; Lm 22,000 kienu qishom in-nofs. Mill-villa tal-Mellieha ghall-post tal-Mtarfa huwa ha l-ahjar affarijiet li kellu u li kienu prattikament godda.

**Kevin Curmi** xehed li hu kien is-sid tal-fond 36, Block B, Binja Buqana, Triq it-Torri tal-Arlogg, Mtarfa. Huwa bih dik il-proprjeta lill-partijiet. Kopja tal-kuntratt tal-bejgh huwa Dok V1. Huwa biegh il-post minghajr ghamara.

**Charles Pace** xehed li huwa ghandu garage ta` sprayer bl-isem Marsa Pacer Garage. Ikkonferma li kien hareg d-dokumenti ezebiti bhal Dok V5 u V6. Hallsu l-attur.

**Alfred Abela** xehed illi ghandu garage ta` tappezzar bl-isem ta` Abela Upholstery. Ikkonferma d-Dok V7. Charles Pace gab il-vettura in kwistjoni ghandu. Ma setax jiftakar min hallsu. Bhala prassi, meta Charles Pace igiblu karozza, huwa jaghti ricevuta lil Pace biex jigborlu l-flus. Ma jiftakarx li l-partijiet kienu marru ghandu l-garage.

**Carmen Ward** xehdet illi taf il-partijiet qabel bdew ir-relazzjoni taghhom. Tikkonferma li gieli marret l-villa tal-attur l-Mellieha ; il-villa kienet mghammra. Marret ukoll id-dar l-Mtarfa u tiftakar li ghal ewwel din kienet vojta u bil-mod bdew jirrangawha. Tikkonferma li l-attur kien dejjem jahdem, u l-konvenuta kienet tahdem mieghu.

**Rita Abela** xehdet illi kienet ilha taf il-partijiet ghal madwar 12-il sena. Tikkonferma li l-villa l-Mellieha kienet mghammra. Tikkonferma wkoll li l-ghamara li kien hemm fil-post tal-Mtarfa kienet ghamara tajba. Tikkonferma wkoll li l-attur kien jahdem u li l-konvenuta hadmet ghal xi ftit mieghu.

**Mario Xuereb** xehed illi huwa mastrudaxxa u Excel Furniture hija ditta tieghu. Muri d-dokument a fol 125 tal-process, ikkonferma l-kontenut taghha. Huwa thallas tax-xoghol. Il-partijiet dejjem flimkien marru ghandu u ordnaw minghandu flimkien. Huwa kiteb fuq l-ircevuta li l-attur hallsu ghaliex hekk qalulu biex jikteb. Qabel l-ordni tad-dokument a fol 125 kien diga` jaf lill-attur ghaliex ghamillu xoghol ghal villa fil-Mellieha. Ix-xoghol tad-dokument li kien muri kien ikkonsenjat go post fl-Mtarfa.

**Joseph Bugeja** xehed li huwa direttur ta` L M Bugeja Limited. Kien muri d-dokumenti a fol 100, 101 u 102 tal-process. Dak kien bejgh ta` paraffin stove. Ma jiftakarx min kien ghamel l-ordni. Kien *cash sale* u ghalhekk ma jkun hemm indikat l-isem tax-xerrej. Stqarr illi lill-partijiet ma jafhomx.

**Godfrey Pisani** xehed illi ghandu hanut l-isem Pisani Home Centre. Il-firma fuq dokument a fol 91 hija ta` technician taghhom. Id-dokument jirrigwarda stallazzjoni ta` satellita.

**Patricia Ellul** xehdet illi hija tmexxi l-finanzi tad-ditta Orienta. Il-firma fuq d-dokumenti a fol 118 u 119 hija ta` salesgirl taghhom. L-oggetti mibjugha kienu mejda zghira u mera. Tidher firma ohra ta` persuna bil-kunjom Vella. Il-hlas sar permezz ta` credit card bl-isem ta` Vincent Vella

**Joseph Buhagiar** xehed illi huwa s-segretarju tas-socjeta` B4 Textiles Limited. Muri r-ricevuta fiskali a fol 116 tal-process xehed li dik hija cash sale ghal materjal bhal purtieri.

**Gregory Spiteri** xehed illi huwa direttur ta` Hardware Merchants Limited. Muri r-ricevuti fiskali a fol 96 u 97 tal-process, xehed illi jirrigwardaw bejgh ta` poles tal-purtieri. L-ammont fl-invoice kien ta` Lm 90 u qieghed fuq jidher Mrs Vella. L-ewwel ammont li thallas ta` Lm 27 kien permezz ta` cheque.

**Manuel Piscopo** ghal Piscopo Gardens xehed illi r-ricevuta a fol 115 hija ricevuta taghhom. Min xtara u x`inxtara ma setax ighid. In-negozju taghhom jinkludi l-bejgh ta` pjanti u qsari.

**Joseph Pace** ghal OK Limited xehed illi r-ricevuta a fol 99 harget mill-kumpannija. Tixhed il-bejgh ta` lampa frosted. Mistoqsi mill-Qorti x`ibieghu l-aktar, ix-xhud stqarr li dak iz-zmien kienu jbieghu home furnishings. Billi d-dokument huwa cash sale, min akkwista mhuwiex indikat.

**Il-konvenuta** tikkonferma li kellha relazzjoni mal-attur. Hi kellha flat l-Ghadira. L-attur riedha tmur tghix mieghu l-Mellieha. Hi ma xtaqitx tmur hemm billi l-attur kellu t-tifla tghix mieghu. Tkellmu biex jixtru post band`ohra.

Hija riedet tikri l-appartament taghha ta` l-Ghadira. L-attur insista maghha li tbiegh il-flat. L-agent li kien se jbiegh l-appartament taghha ta` l-Ghadira wriethom appartament l-Imtarfa ; raw il-fond u ghogobhom it-tnejn. Il-post taghha tal-Ghadira nbiegh ghal Lm 32,000. U ghaddiet kollox lill-attur. Il-post tal-Imtarfa nxtara ghal Lm 37,000 ; kien *finished* fis-sens li kellu l-madum, il-kmamar tal-banju, id-dawl u l-ilma, u l-aperturi.

Tkompli tixhed illi ftehmu li jiehdu self flimkien ta` Lm 30,000 u li dan kellu jithallas mill-attur. Is-self kellu jintuza sabiex jitranga l-post tal-Imtarfa. Ghalhekk hi harget Lm 32,000 u l-attur hallas ghall-ghamara. Ftehmu wkoll li hi thallas il-bzonnijiet tal-hajja u hu jhallas il-kontijiet. Fil-fatt hi ghamlet xi xirjiet, izda l-attur qatt ma hallas il-kontijiet ; dawn hallsithom hi wara li telaq ghaliex irceviet avviz li kien se jinqata` d-dawl, l-ilma u t-telephone.

Tghid illi l-ghamara nhadmet kollha mill-istess mastrudaxxa XI Furniture. L-ornamenti u affarijiet ohra bhal purtieri xtrathom hi. Maghha hadet xi mobbli mill-flat li kellha l-Ghadira. Hija dejjem hallset cash u r-ricevuti tqeghdu kollha go box file li l-attur ha mieghu meta telaq mid-dar. Ghalkemm huwa minnu li saru hlasijiet mill-attur, pero` kienu hlasijiet li gew mis-self. L-attur gab mieghu mill-villa tal-Mellieha l-ghamara tal-istudju. Huwa ghamara mill-appartament taghha ta` l-Ghadira sabiex jaghmilha go flat li jikri lin-nies. L-attur gab mieghu wkoll washing machine u tumbler dryer u hi tatu l-washing machine bil-tumble dryer. Gab ukoll television li ha lura.

Stqarret illi l-attur dam ighix l-Mtarfa ghal madwar sena. Imbaghad darba kien rikoverat l-isptar, u wara li kien rilaxxjat, ha l-box file, u ftit hwejjeg u mar l-Ghadira. Dak iz-zmien kienu ghadhom jiffrekwentaw lil xulxin ghalkemm kien qed joqghod fil-campsite tal-Armier. Dak iz-zmien ta` spiss kienet tehodlu l-ikel. Fl-ahhar sena hadmet mieghu bhala Manager tal-Lido ta` l-Armier b`paga li tithallas kull xahar ghalkemm l-attur dam tlett xhur biex jaghtiha l-paga. Wara tlett snin ir-relazzjoni ta` bejniethom spiccat. L-attur qalilha biex ibieghu l-post tal-Mtarfa pero` hi xtaqet tibqa` fih ; ghalhekk talbitu prezz ghal sehmu. Meta ppropona li jinbiegh il-post, dan kien se jinbiegh bl-

ghamara wkoll ; ghalhekk meta offriet illi tixtri s-sehem tieghu, ftehmu bl-istess kondizzjonijiet. Kien hemm drabi meta l-attur waqaf jaghmel pagamenti tas-self u ghalhekk hallset hi. L-attur kien qalilha li kien waqaf jhallas minhabba l-fatt li kienet se tixtri l-post hi. Ftehmu li thallsu Lm 35,000 li minnhom kellu jithallas il-bilanc tas-self. Wara li xtrat sehem l-attur mill-post, bidlet is-serratura ghaliex kien hemm drabi meta l-attur kien jitfacca anke fis-saghtejn ta` filghodu bla ma jghidilha. Tghid illi bdiet relazzjoni ma` haddiehor wara li ntemmet dik mal-attur. Dwar il-karozza, stqarret illi ghalkemm kien minnu li l-attur hallas l-ispejjez tat-tiswijiet, huma kienu ftehmu illi meta tithallas mill-insurance taghtih il-flus. Fil-fatt hekk ghamlet ; kif rceviet ic-cheque ghaddietu lill-attur, izda huwa ried il-flus cash u hekk ghamlet. Ma talbitu l-ebda ricevuta billi dak iz-zmien ir-relazzjoni ta` bejniethom kienet ghadha ghaddejja.

Fil-**kontroezami**, dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma, il-konvenuta xehdet illi bejniethom kien hemm arrangament li kemm idumu flimkien l-attur jiehu hsieb il-hlas ta` dawk il-kontijiet. Tikkonferma li l-attur telaq mill-Mtarfa biex imur l-campsite tal-Mellieha fl-2005. Marru jabitaw l-Mtarfa madwar tlett xhur wara li xtraw il-post. Dwar il-kontijiet sostniet li meta sabet li ma kienux thallsu, ghamlet ftehim mal-entitajiet koncernati li permezz tieghu tathom cheques postdated ; l-ammonti fuq kull cheque ma kienux l-istess. Tixhed illi l-attur qatt ma taha flus ; li taha kienet biss il-paga. Murija ritratt a fol 366 tal-process tghid li dik l-ghamara kienet taghha u l-attur kien hadha mill-appartament taghha biex juzaha ghal appartament li hu kien jikri lin-nies. Dwar il-fatt li ghamlet xi pagamenti mis-self, stqarret kienet titlob il-flus lil ommha u kienet taghtihom lill-attur sabiex jaghmel il-pagament tas-self. Ma setghetx tghid kemm ghamlet minn dawn il-pagamenti. Taccetta li l-bilanc li kien fadal mis-self thallas kollu mill-attur meta biegh lilha s-sehem tieghu tal-post tal-Imtarfa. Wara li biegh sehmu, hija xorta wahda baqghet tahdem mieghu. Kienet domandata jekk l-ghamara kenitx inkluza fil-prezz ta` Lm 35,000 li kien il-prezz tas-sehem tal-attur. Il-konvenuta wiegbet illi suppost hi xtrat l-ghamara minghand l-attur ghaliex meta xtraw l-appartament flimkien diga` kienet hallsitu. Meta nqara l-kuntratt tal-bejgh ma ndunatx li l-ghamara ma kenitx inkluza ; ma bdietx taghti kaz ta` dak li kien qed jinqara. Dwar il-consumer loan li harget f`isimha, il-konvenuta xehdet illi biha xtrat computer. Issostni li fejn fl-istatement tal-bank hemm *loan repayments* li jammontaw gha Lm 14, dawk jirreferu ghal dan is-self li biha inxtara l-computer.

**<u>Domitilla sive` Stella Falzon</u>** – omm il-konvenuta – ikkonfermat illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom. Il-konvenuta kienet talbitha flus biex tkun tista` thallas pagamenti tas-self.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud ikkonfermat illi meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien, hija diga kienet tghix bil-pensjoni. Damu jarmaw il-post tal-Mtarfa ghal aktar minn sena. Meta l-konvenuta talbitha l-flus, kienet tirregistra ghax-xoghol. Il-konvenuta talbitha l-flus xi erba` darbiet. Hija tatha dejjem flus kontanti. L-attur qatt ma kien prezenti meta tatha l-flus. Fiz-zmien li tat il-flus lill-konvenuta, ma jidhirlhiex li bintha u l-attur kienu sejrin tajjeb.

**<u>Mary Debono</u>** xehdet illi hi toqghod fl-istess block tal-konvenuta l-Mtarfa. Meta tkellmet mal-partijiet, laqatha l-fatt li ghall-attur il-post taghhom kien joffri potenzjal tajjeb ghall-bejgh waqt li l-konvenuta xtrat il-post biex toqghod fih.

**<u>Romuald Attard</u>** – ghall-Bank of Valletta plc – xehed illi l-kont bin-nru 40011681232 huwa house loan li hareg favur Vincent Vella u Margaret Falzon. Is-self sar fit-12 ta` Gunju 2002 u ghalaq fit-2 ta` Awissu 2006 wara li s-self thallas kollu.

Specifika illi sar self ta` Lm 25,000 biex jinxtara post l-Mtarfa u self ta` Lm 5,000 ghal ghamara. Skond l-istatements ma jidhirx li l-ammont ttiehed kollu f`daqqa. L-ewwel kien hemm zbank ta` Lm 2,000 u mbaghad il-flus bdew jittiehdu ftit ftit.

Mill-istatement tal-kont tal-Lm 5,000 jirrizulta li kien hemm diversi zbanki. Il-klijent jiehu r-ricevuta lill-bank u dan ihallas. L-izbanki kienu

jlahhqu l-figura ta` Lm 2,590. In segwitu sar trasferiment ghal kont f`isem l-attur. L-izbanki kienu ffirmati mill-attur wahdu.

Dwar il-kont ghal Lm 25,000 li nghalaq fit-2 ta` Awissu 2006, jirrizulta li sar trasferiment ghal kont iehor f`isem l-konvenuta.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud fisser illi l-pagamenti tal-kontijiet tas-self kienu jsiru mill-kont tal-attur wahdu.

Fit-2 ta` Awissu 2006 meta nghalaq l-kont tas-self ta` Lm 25,000 kien baqa` zbilanc ta` Lm 22,004.67, waqt li fil-kont tas-self tal-Lm 5,000 kien baqa` zbilanc ta` Lm 4,342.23. Dawn it-tnejn marru f`self iehor f`isem l-konvenuta. Ix-xhud kien mistoqsi jekk meta sar il-kuntratt fejn l-attur biegh is-sehem tieghu tal-post lill-konvenuta kienx hareg cheque ta` Lm 22,004.67 u cheque iehor ta` Lm 4,342.23 favur il-bank mill-attur biex jigi saldat is-self. It-twegiba tieghu kienet illi d-dejn kollu mar kollu f`self iehor f`isem l-konvenuta, u l-attur ircieva biss id-differenza ta` Lm 8,633 favur l-attur. Ghalhekk ix-xhud ikkonferma li meta l-attur biegh sehmu ghal Lm 35,000, effettivament ma rceviex dak l-ammont, izda rcieva biss Lm 8,633. Qal inoltre li bejn l-2001 u l-2006, il-konvenuta kellha seba` kontijiet : hamsa f`isimha u tnejn *joint* mal-attur. Kienu prezentati l-istatements tal-kontijiet f`isem il-konvenuta wahedha.

## III. <u>Sintesi tas-sottomissjonijiet</u>

### a) <u>Bil-miktub</u>

**Dwar l-ewwel u t-tieni talbiet** l-attur issottometti illi ma jirrizultax illi l-konvenuta fin-nota ta` eccezzjonijiet kkontestat il-fatt illi l-effetti mobbli li ssemmewa kienu u ghadhom proprjeta tal-attur, hlief ghal dawk l-konvenuta tqis bhala *fixed furnishings and fittings*. Ghalhekk ladarba ma kienx hemm kontestazzjoni mill-konvenuta, ma hemmx bzonn li l-Qorti tikkonsidra n-numru ta` xhieda li gew prodotti sabiex jigi pruvat l-akkwist mill-attur. Bil-kuntratt li bih l-attur biegh lill-konvenuta s-sehem tieghu mill-post tal-Mtarfa, sar trasferiment tal-immobbli biss, mhux ukoll tal-effetti mobbli. Sia abbazi tal-Art 1002 tal-Kap 16, u sia a bazi tal-fatt li ma kienx hemm kontestazzjoni, il-Qorti ghandha tirritjeni bhala ppruvat illi bil-kuntratt in kwistjoni ma kien hemm l-ebda assenjazzjoni favur il-konvenuta tal-effetti mobbli tal-attur. Kwindi l-oggetti elenkati fid-Dokt V2, hlief ghal oggetti bin-numru 4 u 25, li l-attur rrinunzja ghalihom permezz ta` nota, ghandhom jitqiesu mill-Qorti bhala li ghadhom jappartjenu lill-attur.

L-attur ikompli jirrileva illi ghalkemm il-konvenuta tallega li ghad minn dawn l-oggetti huma *fixed furnishings and fittings*, ma gabet l-ebda prova ta` dak li kienet qeghda tallega. Minn ezami tal-oggetti, l-unici li jistghu jitqiesu bhala tali huma dawk bin-numru 2 u 28.

L-attur jirreferi ghall-allegazzjoni tal-konvenuta li huwa debitur taghha minhabba allegati servigi li pprestat favur tieghu jew arrikkiment indebitu jew minhabba xi kont li ma kienx imhallas. Isostni li l-konvenuta b`ebda mod ma sarrfet l-allegazzjoni taghha bil-pretensjoni sabiex l-ammont allegatament dovut lilha jigi kanonizzat jew permezz ta` kontrotalba fl-istess kawza tal-lum jew permezz ta` kawza separata. Ghalhekk il-Qorti ghandha tiskarta dawn l-eccezzjonijiet.

L-ahhar eccezzjoni tal-konvenuta kienet it-tpacija. Hija l-fehma tal-attur illi l-eccezzjoni ma tistax tissussisti ghaliex l-elementi ghal tpacija rikjesti mil-ligi skond l-Art 1197 tal-Kap 16 ma jirrizultawx billi t-talba tal-attur hija ghar-ritorn ta` oggetti filwaqt illi l-allegazzjoni tal-konvenuta hija huma dovuti flus

lilha. Dan apparti l-fatt li mhuwiex ic-cert id-dejn li l-konvenuta tallega li l-attur ghandu favur taghha.

**Dwar it-tielet talba**, l-attur jirrimarka li din tirrigwarda rifuzjoni tas-somma ta` €2,017.77 li l-attur silef lill-konvenuta sabiex setghet issewwi l-karozza taghha wara hsara li garrbet f`incident. Id-difiza tal-konvenuta kienet illi dik is-somma mhijiex dovuta. Ghalkemm ma kkontestax il-fatt li l-attur hallas dawk il-flus, ma gabet l-ebda prova li dawk il-flus thallsu lura. L-attur ipprezenta d-dokumenti V5, V6, V7 u V8 sabiex jikkorrobora l-esbors tal-flus da parti tieghu. Kontrarjament ghal ftehim li kellhom l-partijiet – ighid l-attur – il--konvenuta zammet l-flus bla ma rrifondiethom lill-attur.

Min-naha taghha, **il-konvenuta**, wara li taghmel riassunt tal-fatti, tghid illi rrizultaw divergenzi notevoli bejn dak li xehed l-attur fl-affidavit tieghu u dak li wiegeb fil-kontroezami. Diskrepanza sinjifikanti hija dik meta fl-affidavit l-attur jixhed illi mill-bejgh tal-flat tal-Ghadira ghas-somma ta` Lm 32,000, baqghu f`idejha Lm 27,500 wara li nqatghu t-taxxi, l-ispejjez u l-commissions, imbaghad fil-kontroezami johrog li dan ma kienx minnu, ghaliex ma kienx hemm spejjez fuq il-kuntratt, u x`kienu l-kommissjonijiet li suppost hallset ma ndikax. Irrizulta b`mod car li hi uzat madwar Lm 30,400 sabiex inxtara l-fond tal-Mtarfa u l-bqija thallsu mis-self li l-partijiet kisbu mill-bank. Irrizulta – skond il-konvenuta – li sabiex l-attur ikun hareg sehmu ghax-xiri tal-fond tal-Mtarfa inhareg bank loan ta` Lm 30,000 biex b`hekk il-partijiet akkwistaw il-fond f`sehem indaqs bejniethom. Il-konvenuta tirrimarka li x-xiehda tal-attur mhijiex kredibbli ; u lanqas attendibli minhabba d-differenzi sostanzjali bejn dak li stqarr fl-affidavit u dak li xehed *viva voce*. Il-konvenuta tirreferi ghax-xhieda dwar il-mobbli u tikkonkludi li ma kienx hemm il-prova li l-oggetti mobbli nxtraw mill-attur biss. Dwar it-talba ghar-rifuzjoni ta` €2,017.77 tal-ispejjez tat-tiswija tal-karozza taghha, il-konvenuta ssostni li dak mistqarr mill-attur kien kontestat nettament u rribadiet li kull ma rceviet minghand l-insurance ghaddietu lill-attur. , dan gie kkontestat mill-konvenuta fix-xhieda taghha meta qalet illi hi kienet ghaddietlu l-pagament meta kienet irceviet l-ammont mill-insurance. Il-konvenuta tirreferi ghax-xiehda ta` Romuald Attard (Bank of Valletta plc) u tghid dak li rrizulta huwa illi mill-loan account tal-Lm 5,000 kien hemm diversi zbanki permezz ta` cheques li m`ghandhom x`jaqsmu xejn mal-oggetti jew mobbli tad-dar. U zzid illi kieku l-qorti kellha taccetta t-tezi tal-attur,

xorta wahda hemm numru ta` oggetti elenkati f`Dok V2 li jiffurmaw parti integrali mill-fond bhala numru 2,5,8,14,17,21,23,24 u 28.

**b) <u>Bil-fomm</u>**

**Kien l-attur <u>biss</u> li ghamel sottomissjonijiet bil-fomm**.

**<u>L-attur</u>** jirrileva fil-kawza tal-lum, wiehed irid izomm quddiemu l-fatt illi l-ewwel u t-tieni talbiet huma sejha ghar-ritorn ta` oggetti u mhux ghall-kanonizzjoni ta` kreditu. It-tieni talba hija accessorja ghall-ewwel talba ghaliex tiskatta jekk il-konvenuta tonqos milli trodd lura l-oggetti f`liema kaz il-Qorti ghandha tillikwida l-valur taghhom, u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallsu l-ammont likwidat. Hija biss it-tielet talba li tipprospetta kanonizzazzjoni ta` kreditu.

Dwar it-tielet eccezzjoni, l-attur jirrileva li ghalkemm il-konvenuta tallega illi harget Lm 30,000 ghall-fond tal-Mtarfa, ma gabet l-ebda prova ta` kemm effettivament hallset, la permezz ta` statement u la permezz tar-rapprezentant tal-bank. Lanqas m,a gabet il-prova li kien hemm xi forma ta` ftehim li ladarba hi harget aktar flus allura l-oggetti kellhom jinxtraw mill-attur.

Dwar ir-raba` eccezzjoni, l-attur isostni li l-unici oggetti li ghandhom jitqiesu bhala *fixed fittings u furnishings* huma l-item 2 electrical u l-item 28 li huma l-kitchen knobs.

Dwar il-hames eccezzjoni, skond l-attur, il-Qorti m`ghandhiex taghtiha konsiderazzjoni ghaliex il-konvenuta kien messha ressqet kontrotalba jew tistitwixxi kawza *ad hoc*. L-allegat ghoti ta` servigi ma jistax jinghata per *via di eccezione*.

Rigward it-tiswija tal-karrozza, l-attur jirrimarka illi huwa gab il-prova illi hallas ghat-tiswija, u l-prova li l-insurance hallsitha ghaliex rebhet il-kawza. Il-konvenuta ma gabet l-ebda prova li hallset lill-attur.

**IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**1) <u>Dritt - Gurisprudenza</u>**

**Qabel tghaddi ghall-analizi u ghall-qies tal-provi, il-Qorti jidhrilha li jkun opportun jekk tissenjala <u>aspetti ta` dritt</u> kif imfissra fil-gurisprudenza li ghandhom rilevanza fil-kuntest tal-parametri tal-kawza.**

**<u>Dwar dak li jrid ikun deciz</u>**, il-Qorti tirrileva li hija obbligata tiddeciedi l-kawza fuq il-premessi, il-kawzali u t-talbiet kif jirrizultaw fir-rikors guramentat, u **<u>fuq xejn izjed</u>** (**<u>Appell Civili</u>** – "**<u>Farrell vs Kummissarju dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud</u>**" – 24 ta` Gunju 2011). Li kieku l-Qorti kellha tmur oltre t-talbiet attrici kif dedotti, tkun qeghda tmur *ultra petita.*

**Dwar l-essenza ta` kuntratt**, il-Qorti tirrileva illi l-pattijiet li l-partijiet jaqblu u jiftehmu dwarhom f`kuntratt huma l-espressjoni tar-rieda taghhom. Ghalhekk meta ftehim isir kif trid il-ligi, kemm ghal dak li huwa sostanza kif ukoll ghal dak li huwa forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U meta l-ftehim isir skond il-ligi jista` jithassar jew jinbidel biss bi ftehim iehor maqbul bejn l-istess partijiet.

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Beacon vs Spiteri Staines"** jinghad hekk –

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.*

Skond l-**Art 993 tal-Kap 16** –

*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi.*

(ara – **"Depares noe vs O` Dea noe"** – Appell - 25 ta` Gunju 1996).

Skond l-**Art 1002 tal-Kap 16**, fejn il-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt huwa car, ma hemmx lok ta` interpretazzjoni **("Spiteri vs Borg"** – **PA/RCP** – 30 ta` Novembru 2000 ; u **"Borg vs Xuereb"** – Appell Civili – 30 ta` Marzu 1997).

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 1952 fil-kawza **"Morana vs Spiteri et"**, il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (*contra scriptum testimonium non fertur*) pero` din mhijiex regola assoluta. Infatti kien ritenut li r-regola ma tapplikax f`dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt. Imbaghad il-Qorti kompliet hekk –

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta` bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f`dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f`dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali ...*

*2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta` kitba jew f`xi kazi ta` impunjazzjoni ta` dik il-kitba izda l- provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga` car ...*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktub ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti lit kun espressa b`mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma` l-att ...*

*4. Il-principju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali ...*

**Dwar il-konflitt ta` verzjonijiet**, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza '**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**' :–

*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L.II.440).*

Ukoll fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/TM**) tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**George Bugeja vs Joseph Meilak"** inghad hekk :-

*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li –*

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "<u>Farrugia vs Farrugia</u>", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

**<u>Dwar il-kejl ghall-fini tal-oneru tal-prova,</u>** din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**<u>Chef Choice Limited vs Raymond Galea et</u>**" (mhux appellata) qalet hekk fost hwejjeg ohra :-

*… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li*

*toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil)*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*... Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air*

*Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza taghha tat-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk :-

*In materja ta' provi, gie diversi drabi ritenut illi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn :-*

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – ara Kollez. Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – ara Kollez. Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) iil-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti abbazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-*

*gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' Revizjoni ..."*

**Dwar l-allegazzjoni tal-pagament**, il-Qorti tirrileva illi l-**prova** tal-pagament tispetta lil min jallega li effettwa l-pagament ; fil-kaz tal-lum, il-konvenuta (Prim`Awla tal-Qorti Civili : 14 ta` Dicembru 1959 : "**Attard vs Meilak et**" ; Qorti tal-Appell : 4 ta` Dicembru 1998 : "**Mifsud vs Montanaro**").

Fis-sentenza taghha tat-23 ta` Frar 1965 fil-kawza "**Darmanin vs Muscat**", din il-Qorti rrilevat illi : *fid-dubbju u fin-nuqqas ta` ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat b`mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt.*

**Dwar id-difiza tat-tpacija,** din il-Qorti (**PA/AJM**) fis-sentenza taghha tat-3 ta' Mejju 1993 fil-kawza **"Spiteri et vs Vella"** qalet hekk :–

*L-artikolu 1196 tal-Kodici Civili jistabilixxi li meta tnejn huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija ipso jure. Din it-tpacija ssir anke minghajr*

*ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewg djun fi zmien wiehed u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.*

*L-artikolu 1197 tal-istess Kodici jistabilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.*

*Minn dan isegwi li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nnfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacjut ma' ammont iehor dovut mill-kreditur.*

**2) <u>Apprezzament tal-provi</u>**

Skond il-kuntratt tal-**<u>10 ta` Jannar 2003</u>** fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela (Dok V1), il-partijiet akkwistaw id-dar l-Mtarfa u garage *"bil-prezz ta` Lm 37,000 minn liema prezz, in kwantu ghas-somma ta` Lm 25,000 qed tithallas direttament mill-Bank lill-Bejjiegha ... u l-bilanc qed jithallas mix-Xerrejja ..."* Skond il-kuntratt, thallset ukoll is-somma ta` Lm 10,000 ghall-ghamara.

Il-provi juru li kienet sborsata s-somma totali ta` Lm 47,000. Minnha Lm 25,000 thallsu direttament lill-bejjiegha mill-Bank of Valletta plc u l-bilanc hargithom il-konvenuta.

Fit-**<u>2 ta` Awissu 2006</u>**, l-attur biegh is-sehem tieghu tal-propjeta` tal-Mtarfa lill-konvenuta b`kuntratt fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi. Jirrizulta li l-konvenuta hadet self ta` Lm 37,000 ; minnhom thallsu Lm 35,000 lill-attur, u Lm 2,000 intuzaw ghall-hlas tal-ispejjez notarili u spejjez ohra.

Skond ir-ricevuti li kienu prezentati bhala prova, jirrizulta li kwazi r-ricevuti kollha nhargu fuq l-attur.

**Pero` sabiex l-attur jirreklama l-propjeta` esklussiva tal-oggetti ndikati fid-Dok V2 min-nru 1 san-nru 29 (bl-eccezzjoni tal-items 2 u 25 li rrinunzja ghalihom fil-mori tal-kawza) mhux bizzejjed li jghid li mar jixtri l-oggetti hu (u allura r-ricevuta harget f`ismu) izda jrid jipprova li l-flus li ntuzaw ghall-akkwist kienu tieghu biss u mhux tal-konvenuta wkoll.**

**Dwar l-items deskritti fid-Dok V2 bhala *personal items moved from my house to Mtarfa apartment,* ma jidhirx li huwa kontestat mill-konvenuta li l-attur gab mieghu mill-Mellieha ghall-Mtarfa dawk l-oggetti li kienu propjeta` tieghu.**

Mid-dokumenti li pprezenta r-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc, jidher illi l-akkwist sar minn self ta` Lm 5,000 li hadu z-zewg partijiet mill-istess bank.

**Ghall-fini ta` din il-kawza, il-Qorti sejra taghti konsiderazzjoni biss ghal ricevuti li jgibu d-data ta` wara l-akkwist tal-propjeta` tal-Mtarfa, ladarba l-attur qieghed jorbot it-tielet kawzali tar-rikors guramentat mat-tieni kawzali.**

Skond il-fotokopji tal-mamma tac-cheques li pprezentat il-konvenuta, jirrizulta bhala fatt li hafna minnhom ma jistghux jinqraw. Il-hlas li hemm a fol

245 ghal kont tad-dawl, ic-cheque huwa datat 9 ta` Settembru 2005, jigifieri wara li l-attur kien telaq mill-Mtarfa. L-istess ighodd ghall-hlas tal-kont tat-telephone a fol 246. Mir-ricevuti li pprezentat il-konvenuta a fol 248, jidher li kontra ghal dak li xehdet, il-hlasijiet tal-kontijiet kienu jsiru regolarment. Ghalkemm ir-ricevuta hija f`isem il-konvenuta, mhuwiex daqstant evidenti jekk effettivament kenitx parti jew ohra li harget il-flus ghall-kont.

Ghar-rigward tal-istatements li kienu prezentati mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta fir-rigward tas-self ta` Lm 25,000, jidher li kien hemm pagamenti kull xahar ta` dan s-self ta` Lm 160 minn kont iehor.

Il-Qorti tiddubita mill-attendibilita` ta` dak li qalet l-konvenuta meta stqarret illi l-attur kien naqas milli jaghmel pagamenti tas-self bil-konsegwenza li kellha teffettwa l-hlas hi.

Fil-fatt skond l-istatements li kienu prezentati a fol 311 et seq, dawn jirreferu ghal kont savings tal-attur fejn jidher li kull xahar il-pagamenti ta` Lm 160 kienu jsiru proprju minn dak il-kont.

Tirrizulta wkoll il-prova ta` dak li xehed l-attur illi meta biegh sehmu lill-konvenuta, effettivament dak li ha f`idejh kien l-ammont ta` Lm 8,633 (ara fol 340).

Mill-istatements tal-kont tal-konvenuta, jirrizulta li hi kienet qeghda tircievi l-beneficcji tas-sigurta socjali. Skond l-istatement a fol 412 li jirreferi ghall-2003, meta kien qed jintrama` l-post tal-Mtarfa, ma jidhirx li l-konvenuta ghamlet xi akkwisti ghad-dar mill-kont personali taghha. Jekk effettivament il-konvenuta kienet tixtri l-affarijiet tal-hajja ta` kuljum meta kienet tghix mal-

attur, jirrizulta li bejn l-2003 u l-2005, dan ghamlitu biss f`numru limitat ta` drabi (sitta b`kollox) jekk jitwarrab fil-genb l-infieq tal-konvenuta ghal dawk li huma hwejjeg u accessorji.

Minn ezami tal-kont kurrent tal-konvenuta a fol 451 et seq, ma jirrizultax li qatt kien hemm depozitu ta` cheque li jammonta ghal Lm 836.37, u li kienu l-flus li l-konvenuta hadet mill-insurance. Dan il-fatt qed jigi rimarkat ghaliex il-konvenuta xehdet li meta offriet ic-cheque lill-attur, dan irrifjuta c-cheque ghax ried flus kontanti.

**3)** **<u>L-ewwel talba</u>**

L-attur talab lill-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju tikkundanna lill-konvenuta li taghtih lura l-oggetti u l-effetti mobbli elenkati fid-Dok V2 fil-kundizzjoni tajba li kienu fit-2 ta` Awissu 2006, u cioe` id-data li fiha l-attur ittrasferixxa lill-konvenuta s-sehem tieghu mill-propjeta` tal-Mtarfa.

Il-pretensjoni tal-attur hija li huwa akkwista l-oggetti fid-Dok V2 mill-flus tieghu, u kienu jinkludu oggetti li kienu fil-villa li kellu go Santa Maria Estate l-Mellieha, u li hadhom mieghu meta hu u l-konvenuta marru joqghod l-Mtarfa.

Id-difiza tal-konvenuta kontra din it-talba hija li l-oggetti kellhom jaghmlu tajjeb ghal somma akbar li harget hi, u li l-oggetti jikkostitwixxu *fixed fittings and furnishings*.

Minn analizi tad-dokumenti, jirrizulta li l-attur ma xtarax l-oggetti kollha tal-lista mill-flus personali tieghu, izda akkwista minnhom mis-self li z-zewg partijiet kienu hadu flimkien mill-Bank of Valletta plc. Ghalhekk il-premessa tal-attur mhijiex korretta.

Il-Qorti tistqarr illi dwar il-prova tal-propjeta` esklussiva tal-items minnru 1 sa 29 tad-Dok V2, l-attur kien evasiv fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu. Qal semplicement hekk (ara fol 493) :

*Illi ghalhekk l-esponent jirritjeni li l-effetti mobbli u oggetti elenkati fid-Dokument V2 ezebit mar-rikors gurament at, b`eccezzjoni tal-oggetti numerati 4 (lampshades) u 25 (sofa material) li l-esponent irrinunzja ghalihom b`nota fil-bidu tas-sena 2012 ghandhom jigu kunsidrati bhala li ghadhom kollha tieghu u, gjaladarba l-konvenuta ma gabitx ebda prova kuntrarja, baqghu fil-pussess taghha.*

Il-prova fuq bilanc ta` probabilitajiet ma tistax tissarraf bil-prova negattiva.

**Kienet tinkombi lill-attur il-prova li l-oggetti kollha tal-lista Dok V2 kienu kollha kemm huma propjeta` tieghu biss ad eskluzjoni tal-konvenuta, tenut kont tal-mod kif l-attur abbina l-kawzali mal-ewwel u mat-tieni talbiet.**

Ma ghandux l-attur jippretendi li sabiex il-Qorti tasal biex tistabilixxi li l-oggetti kollha tal-lista Dok V2 huma propjeta` tieghu biss tkun kostretta taghmel process ta` kontabilita` fondat fuq dokumenti bankarji li frankament jistghu jiehdu naha jew ohra, u jassumi li l-pretensjoni tieghu hija fondata fuq il-

fatt illi mill-bejgh tas-sehem tieghu tal-propjeta` tal-Mtarfa spicca ha biss l-ammont ta` Lm 8,633.

Lanqas ma din il-Qorti tqis fondata l-eccezzjoni tal-konvenuta illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet li dawk l-oggetti kellhom jaghmlu tajjeb ghal somma akbar li l-konvenuta kienet sborsat ghax-xiri tal-propjeta` tal-Mtarfa.

Jirrizulta li dak li setghet harget il-konvenuta ghax-xiri tal-fond huwa Lm 22,000 ; dan qed jinghad ghaliex jekk l-fond tal-Imtarfa b`kollox sewa Lm 47,000 (ghamara nkluza) u l-partijiet hadu self ta` Lm 25,000, il-bilanc ikun ta` Lm 22,000. Inoltre jirrizulta li huwa l-attur illi hareg aktar minn sehmu, ghaliex l-attur hallas is-self kollu ta` Lm 30,000 (Lm 25,000 + Lm 5,000).

Ma jirrizultax li kien hemm ftehim bejn il-partijiet dwar l-oggetti in kwistjoni. Il-kuntratt li bih l-attur biegh sehemu lill-konvenuta mill-propjeta` tal-Mtarfa ma jsemmi xejn dwar l-ghamara. Huwa fatt li l-bicca l-kbira ta` dawn il-mobbli thallsu mis-self li hadu flimkien l-partijiet, u ghalkemm dan s-self thallas kollu mill-attur, xorta wahda is-self hareg f`isem iz-zewg partijiet, u ghalhekk l-affarijiet li nxtraw ghandhom jitqiesu bhala tat-tnejn.

Il-konkluzjoni hija li ghar-rigward tal-items bin-nru 1 sa 29 tad-Dok V2 (eccetto l-items 4 u 25) it-talba tal-attur **kif dedotta** qeghda tkun respinta ghaliex dawk l-items ma kienux proprjeta esklussiva tal-attur izda taz-zewg partijiet.

Kif diga` rrilevat aktar kmieni, il-Qorti hija vinkolata bil-premessi u t-talbiet li gab l-attur. Xejn ma jzomm lill-attur milli, bi proceduri ohra separati

minn dawk tal-lum, jitlob il-qasma tal-oggetti bin-nru 1 sa 29 (eccetto l-items 4 u 25).

Ghar-rigward tas-seba` oggetti li fid-Dok V2 huma deskritti bhala *personal items moved from my house to Mtarfa apartment*, il-konvenuta mhijiex tikkontesta li dawk l-oggetti jinsabu ghandha, u li jappartjenu lill-attur. Inoltre l-konvenuta ma gabet l-ebda prova tal-legittimta` tal-pussess taghha ta` dawk l-oggetti. Ghalhekk il-Qorti sejra tordna lill-konvenuta sabiex taghtihom lura lill-attur.

**4) <u>It-tieni talba</u>**

Il-valur tas-seba` oggetti mhuwiex kontestat. Ghalhekk il-Qorti sejra tordna li fil-kaz li l-konvenuta ma taghtix lura lill-attur is-seba` oggetti fit-terminu li sejra taghtiha, allura sejra tordnalha thallas lill-attur is-somma ta` Lm 2470 ekwivalenti ghal €5,753.55. Il-Qorti mhijiex sejra tqis tnaqqis fil-valur tal-oggetti fuq bazi ta` ekwita` ghaliex ghalkemm meta dawk l-oggetti dahlu l-Mtarfa ma kienux godda, il-konvenuta ilha tgawdi l-uzu taghhom certament mill-2006.

**5) <u>It-tielet talba</u>**

Jirrizulta li l-attur avvanza lill-konvenuta s-somma ta` €2,017.77 sabiex issewwi l-karozza taghha. Din il-prova tirrizulta mir-ricevuti tal-hlas li pprezenta l-attur. Il-konvenuta mhijiex tikkontesta li l-attur hallas ghat-tiswijiet. Pero` l-konvenuta qeghda tghid li hallset lill-attur in kontanti wara li rceviet ic-cheque tal-insurance. Il-prova tal-pagament kienet tispetta lill-konvenuta. Fil-fatt il-konvenuta ma taghmel l-ebda prova li effettivament

ghamlet il-pagament. Tixhed illi riedet taqleb c-cheque ghal fuq isem l-attur izda hu ma riedx cheque izda ried flus kontanti u ghalhekk kienet marret sarrfet ic-cheque u taghtu flus kontanti. Izda dwar dan kollu ma hemm l-ebda prova. Il-Qorti fliet id-dokumenti izda ma sabet l-ebda sostenn ghal dak li qeghda tafferma l-konvenuta. Dan apparti li ma jaghmilx sens illi l-attur jirrifjuta l-*endorsement* tac-cheque favur tieghu, hu li kellu kontijiet il-bank, u jinsisti minflok fuq flus cash. U di piu` ma ssir l-ebda ricevuta. Ghal din il-qorti huwa rrilevanti li dak iz-zmien il-partijiet kienu flimkien. Xejn ma kien izomm lill-konvenuta milli tressaq bhala xhud lir-rapprezentant tal-insurance li hallsitha sabiex tipprezenta kopja tac-cheque u tal-mod kif sar il-hlas. Ghalhekk il-prova tal-oagament ma tirrizultax sal-grad rikjest mil-ligi. It-tielet talba tal-attur se tkun milqugha.

**6) <u>L-eccezzjonijiet</u>**

Id-decizjoni ta` din il-Qorti dwar it-talbiet attrici twaqqa` l-legittimita` tal-eccezzjonijiet fl-assjem taghhom.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.**

**Tilqa` l-ewwel talba kif dedotta limitatament billi tordna lill-konvenuta sabiex, fi zmien xahar mil-lum, taghti lill-attur l-oggetti, indikati fid-Dok V2 a fol 19 tal-process, li huma deskritti bhala *personal items moved from my house to Mtarfa apartment.***

**Relattivament ghal din it-talba, thalli salv u mpregudikat id-dritt tal-attur illi, fi proceduri separati minn dawk tal-lum, jitlob is-sehem spettanti lilu mill-oggetti ndikati bin-nru wiehed (1) san-numru disgha u ghoxrin (29) fl-istess Dok V2, bl-eccezzjoni tal-items bin-numru erbgha (4) u hamsa u ghoxrin (25) li kienu rinunzjati mill-attur fil-mori ta` din il-kawza.**

**Tilqa` t-tieni talba in linea mal-provvediment taghha dwar l-ewwel talba, u ghalhekk tordna illi fil-kaz illi l-konvenuta tonqos milli taghti lura lill-attur l-oggetti, indikati fid-Dok V2 a fol 19 tal-process, li huma deskritti bhala *personal items moved from my house to Mtarfa apartment,* allura tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta` hamest elef seba` mija tlieta u hamsin Ewro hamsa u hamsin centezmu (€5,753.55) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tilqa` t-tielet talba kif dedotta bl-imghax legali b`effett mis-7 ta` Dicembru 2009.**

**Tordna li l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------